ħames mitt sena ta' storja tagħhom. Royas ħa postu *"fra gli ambasciatori ecclesiastici dei Principi"*, u kull membru li kien ħa sehem f'dawk il-laqgħat, kollha tħabbew ma' Royas, kollha għarfu fih rappreżentant ta' l-ewlenin qalbiena nsara.

Il-Kardinal de Lorena, dixxendent ta' Goffredo de Buglione, u ħu l-Gran Prijur ta' Franza, introduċa lil Royas quddiem dawk il-prelati, u għamel diskors qawwi favur l-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, issa magħrufa ta' Malta. Wara tkellem Royas, u Monsinjur Angelo Massarello, Isqof ta' Tilesio, iffirma u issiġilla biċ-ċurkett tiegħu dik l-orazzjoni li kien għamel Royas f'dik il-laqgħa (10).

Din ukoll tinsab fl-Arkivju tagħna, il-Bibljoteka.

Meta għalqu l-laqgħat tal-Konċilju, fl-1563, Royas reġa' lura lejn Malta: wasal fil-port fil-20 ta' Frar, 1564. Imbagħad kellu jagħti relazzjoni ta' kull ma għamel u x'sar fil-Konċilju quddiem il-Gran Mastru u l-Kunsill.

B'riħet din l-ambaxxata isem Malta ssemma fl-aqwa Konċilju li kellha l-Knisja, u isem din iċ-ċkejkna gżira li laqgħet fi ħdanha dawk il-Kavalieri ta' San Ġwann għal 268 sena, xtered mad-dinja kif iddur l-istess bħalma l-Isqof ta' Malta kien ħa sehem f'Konċilju ieħor, dak ta' Efeso fis-sena 351 A.D.

---

## SEJĦA LILL-MEMBRI

**Jisgħobbina li mħabba n-nuqqas tal-wisa' kellna nħallu barra xi proża u xi poeżiji li nbagħtu għal "IL-MALTI".**

**Ninqdew b'din iċ-ċirkustanza biex bil-ħrara kollha nitolbu lill-Membri tagħna jħajru lil ħbiebhom u nies oħra JISSIEĦBU f'"IL-MALTI" biex b'hekk għallinqas inkunu nistgħu nżidu fin-numru tal-paġni ta' din ir-Rivista. Niftakru illi l-lum l-istampa u l-karta għoliet mhux ftit u bil-kemm qegħdin inlaħħqu ma' l-ispejjeż li għandha l-"Għaqda".**

**Biex ngħinu l-Kaxxa biħsiebna, għalhekk ukoll, niftħu 'sottoskrizzjoni' minn Membri li jixtiequ jgħinu b'xi għati ta' flus ta' mhux inqas minn 5/-. Kull ammont li jingħata sa jidher fil-LISTA TAL-MEMBRI SOSTENITURI li biħsiebna nxandru fil-ħarġa ta' "IL-MALTI" ta' għeluq Marzu, 1948.**

**Tisħib f'"IL-MALTI" u kontribuzzjonijiet ta' flus għandhom jinbagħtu lill-Kaxxier, is-Sur VICTOR APAP, 150, Triq it-Torri, Tas-Sliema.**



## "TAL-MIDINBIN"

*Ta'* W. GULIA

Oh Żgħożija, ja żgħożija,
Fejn hi d-daħka ta' għajnejk?
Fejn hi l-warda tat-tbissima
Illi tilgħab fuq xofftejk?

Ġew l-eħirsa ta' l-iljieli
Imwerwrin u imwaħħxin—
Ġew igħiduli dak li ġara
Taħt id-dell *tal-Midinbin*.

"Kien il-qamar jishar waħdu
Ġewwa l-ħemda ta' bil-iejl,
Meta resqet, lesta għall-ħarba,
Tistennieh għaliha ġej...

"Kienet sbejħa daqs il-qronfla,
U għajnejha żewġ ġawhriet,
It-tbissima qisha ħolma,
Ġewwa ruħha: ir-rażna u s-skiet.

"Rat id-dell *tal-Midinbin*
Qiegħed jikber u jiċkien,
Dlielha ħassu n-nida taqa',
Qalbha ħabbtet tul iż-żmien.

"Le ma ġiex il-maħbub tagħha,
Fommu mimli bews u sliem,
Ġew minflok il-qlub kefrija
U ta' jiemha rat it-tmiem...

"Ġewwa d-dalma ta' kantina
Qed ilissen l-aħħar kliem,
Qalbu ttenni l-wegħda tiegħu,
F'wiċċu jidher sebħ is-sliem:

" 'Le għalxejn ifur minn qalbhom
L-għadab tagħhom għajjurin,
Għaliex ruħi tibqa' dejjem
Taħt id-dell *tal-Midinbin*'."